**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 04/09(30_04_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 30 t' April 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.45 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-27 t' April 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Estimi Annwali 2009-2010.
6. Il-Laqgħa tal-Lokalita'.
7. Fondi Speċjali.
8. Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.
9. Attivitajiet Kulturali fil-Munxar.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
11. Sehem il-Kunsill fil-Festa tal-Munxar.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement l-Aġenda tal-laqgħa tat-3 t' April 2009, ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħha lill-Kunsilliera.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern rigward il-'White Paper dwar Ġustizzja Riparatriċi' li l-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern nieda fl-20 ta' Frar 2009.

2.03 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kummissarju għat-Tfal għal 'Manifesto for Children Seminar' li ser isir fit-30 t' April 2009, fil-Grand Hotel, Mġarr, Għawdex.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Applikazzjonijiet għall-Programm *Leader*'.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward sessjoni ta' informazzjoni għall-Kunsilli Lokali kollha dwar l-iSkema ta' Aċċessibilita' u dwar żewġ miżuri mill-Pjan ta' Żvilupp Rurali (2007-2013) li minnhom jistgħu jibbenefikaw il-Kunsilli Lokali f' żoni rurali, li ser issir fis-6 t' April 2009, fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00946/09 – *To reserve area in front of shop for the display of souvenirs during the day* fi Triq ix-Xatt, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 24/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Aċċessibilita' aħjar fil-Lokalitajiet'.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 01267/09 – *To amend PA3215/06 by minor internal alterations and additional floor* fi Triq il-Puniċi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Funding Support Executive, Malta EU Steering & Action Committee (M.E.U.S.A.C.) b' informazzjoni u applikazzjonijiet għar-Rural Development Funds.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 01069/09 – *To construct apartment at third floor level and overlying penthouse. Minor alterations to facade* fi Triq ir-Ranċis, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Head – EU Funding Unit, Malta EU Steering & Action Committee (M.E.U.S.A.C.) b' informazzjoni u bid-dokumenti neċessarji sabiex il-Kunsill ikun jista' jimla l-applikazzjonijiet għar-Rural Development Funds.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 25/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 26/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratt ġdid dwar Ġbir ta' Skart Organiku'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali'.

2.15 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Malta National Contact Point for the Competitiveness and Innovation Programme (C.I.P. Malta N.C.P.) u d-Direttur, Malta Intelligent Energy Management Agency (M.I.E.M.A.) għal 'Roundtable for Stakeholders on Intelligent Energy Funding Opportunities - Gozo', li ser isir fid-29 t' April 2009, fiċ-Ċentru tal-N.G.O., Xewkija.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Pope John Paul II Foundation fejn qed jipproponu lill-Kunsill sabiex jiġi kkommemorat id-19-il Anniversarju ta' meta l-Papa Ġwanni Pawlu II ġie Malta billi jsir Kunċert ta' Mużika Sagra b' kant u piano fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar, nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju 2009. Il-Kunċert ser isir mit-Tenur Aldo Busuttil u l-Pjanista ser ikun Dr. John Galea. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jikkontribwixxi s-somma ta' €500. Is-Sindku għandu jkellem lill-Kappillan sabiex hu jara jekk hemmx xi attivita' ppjanata għal din il-ġurnata.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Management* tal-Lukanda San Andrea. Huma qed jipproponu li jagħmlu *windbreak* b' reklam sabiex jilqa' d-duħħan ta' *exhaust* ta' karozzi u *busses* meta jkunu telgħin it-telgħa ta' Triq San Xmun. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel *perspex* mit-taraġ sal-bieb. Il-Kunsill ser iġib stima u ser tittieħed deċiżjoni fuq l-istima.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group fejn ġejna informati li dan il-*Group* iddeċieda li kull membru fi ħdan il-*Group* għandu jħallas miżata ta' €100. Din tapplika għall-Kunsilli kollha u l-erba' membri l-oħra. Kien hemm qbil li din il-miżata titħallas.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-E.T.C. rigward it-talba li għamel il-Kunsill sabiex jibbenefika mill-iskema Xogħol fil-Komunita'. Il-Kunsill ġie informat li fil-preżent il-Bord responsabbli minn din l-iskema qed jevalwa t-talbiet kollha li daħlu biex ikun jista' jassenja l-persuni kif meħtieġ.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Patrijiet Dumnikani fejn qed jitolbu xi bankijiet miksura sabiex jirranġawhom u jużawhom fil-ġnien tal-Kunvent. Il-Kunsill m'għandux bankijiet miksura.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Estate Management Department dwar talba sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem Ta' Karolina Bar & Restaurant fi Triq ix-Xatt, Xlendi. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq ir-Rumani, Xlendi. Dan qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-istat ħażin li tinsab fih din it-triq peress li għadha ma ngħatat l-ebda kisja asfalt. Huwa qed isaqsi meta ser titranġa. Peress li dan ix-xogħol huwa kompitu tal-Gvern Ċentrali, l-Kunsill kien ser jikteb lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex u lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kelliem Ewlieni Laburista għall-Gvern Lokali fejn qed jistieden lill-Kunsill sabiex iressaq il-kummenti dwar il-kontenut tad-dokument 'Biex il-Kunsill jagħtik l-aqwa servizz'.

3.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Perit Guido Vella f' isem l-Ulysses Apart hotel Ltd. tax-Xlendi. Huma qed jitolbu lill-Kunsill *no objection* biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment li jinsab fi Triq il-Ġostra. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-proprjetarju tal-Istabbiliment Ta' Karolina fejn qed jitlob permess temporanju għax-xahar ta' Ġunju 2009 sabiex ipoġġi *display* bi prodotti tipiċi lokali fuq il-moll man-naħa tal-blat. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 04/09(30_04_09).

Il-ħin kien it-8.15 ta' filgħaxija u s-Sinjura Carmen Said talbet tiġi skużata u ħarġet mil-laqgħa.

**5.00 Estimi Annwali 2009-2010.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' l-Estimi Annwali 2009-2010. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 2010 għall-Kunsill tal-Munxar ser tkun €195,259. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €1537. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €49,396. Qed isir estimu ta' €79,985 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €30,000 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi. Rigward spejjeż kapitali huwa stmat li jintefqu €55,000 fuq it-tielet fażi tal-*Playing Field*.

Il-ħin kien id-8.45 ta' filgħaxija u l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2009, fis-6 ta' filgħaxija biex titkompla l-Aġenda.

Il-laqgħa tkompliet fuq l-istess Aġenda nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2009, fis-6 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

**6.00 Il-Laqgħa tal-Lokalita'.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-aħjar ġurnata u ħin sabiex issir il-laqgħa tal-lokalita'. Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija l-laqgħa tal-Munxar u fis-6.30 ta' filgħaxija l-laqgħa tax-Xlendi. Il-laqgħa tal-Munxar ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill filwaqt li l-laqgħa tax-Xlendi ser issir fil-Lukanda St. Patrick's.

**7.00 Fondi Speċjali.**

7.01 Is-Sindku kien iltaqa' mas-Sinjorina Maria Schembri mill-Malta EU Steering & Action Committee (M.E.U.S.A.C.) u anke attenda għal-laqgħa fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar sabiex jiġu spjegati l-Miżuri 323 u 313 dwar fondi rurali. Is-Sindku ppropona li jsiru applikazzjonijiet sabiex jitnaddaf il-Wied tax-Xlendi flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Fontana, jitranġa l-passaġġ li jwassal għas-Sanap, jitranġa l-passaġġ li jwassal għat-Torri u restawr tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

**8.00 Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.**

8.01 Issa li l-madum tal-pavimentar tal-*Playing Field* huwa ordnat, il-Kunsill ser joħroġ sejħa għall-offerti għall-provista u twaħħil ta':

1. Outside Fitness Equipment.
2. Playing Field Equipment.
3. Safety Rubber.
4. Gazebo.

**9.00 Attivitajiet Kulturali fil-Munxar.**

9.01 Din il-materja ser tiġi diskussa fl-*item* numru 11.

**10.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

10.01 Bħalissa qegħdin jitkomplew x-xogħlijiet ta' żebgħa fix-Xlendi fejn il-Kunsill qed jipprovdi l-materjal filwaqt li l-Ministeru għal Għawdex qed jipprovdi l-ħaddiema.

10.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li P&J Debono Construction Ltd. informah li impossibbli li jlaħħaq ix-xogħol ta' *patching* bit-tarmak sal-Festa.

**11.00 Sehem il-Kunsill fil-Festa tal-Munxar.**

11.01 Fis-6 ta' Mejju 2009, il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dun Tonio Galea, Kappillan tal-Munxar fejn talab sabiex il-Kunsill jisponsorja:

- *Entertainment* għas-Serata Tradizzjonali, l-Ħamis, 28 ta' Mejju 2009 – Astra Folk Group - ammont ta' €233 VAT eskluża.
- *Entertainment* tal-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2009, waqt l-Ikla tal-Festa.
- Banda ta' l-Iscouts għat-Translazzjoni tas-Sibt, 30 ta' Mejju 2009.

Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kappillan ikkonferma li t-Tnejn, 25 ta' Mejju 2009 m'hemm xejn fil-programm u għalhekk il-Kunċert ta' Mużika Sagra jista' jsir fil-Knisja. Il-John Paul II Foundation qed jitolbu s-somma ta' €500, iżda s-Sindku kien ser ikellimhom sabiex inaqqsu l-prezz.

11.03 Il-Kunsill kien ser jipprovdi servizz ta' *mobile toilets* matul il-ġranet tal-Festa u l-*high-up* għall-armar.

**12.00 Rapport tas-Sindku.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa li saret fiċ-Ċentru ta' l-N.G.O., Xewkija mill-Malta National Contact Point for the Competitiveness and Innovation Programme (C.I.P. Malta N.C.P.) u Malta Intelligent Energy Management Agency (M.I.E.M.A.) dwar għajnuna lill-Kunsilli dwar fondi mill-Unjoni Ewropea.

12.02 Is-Sindku ltaqa' wkoll mas-Sur David Apap, Zone Officer inkarigat minn Għawdex. Din il-laqgħa saret fil-Bajja tax-Xlendi u ġew diskussi xogħlijiet li jinħtieġu li jsiru fil-Bajja tax-Xlendi kif ukoll il-possibilita' ta' għajnuna mill-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta. Il-Kunsill ġie mitlub li jipprovdi stima ta' *bins* u bankijiet lill-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta.

12.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Urban Improvement Fund (U.I.F.) tal-MEPA għal-lokalita' tal-Munxar huwa €1,600 għall-Munxar u €59,000 għax-Xlendi. Is-Sindku qed jirrakkomanda lill-Kunsill li l-fond tax-Xlendi jintuża sabiex tinbidel is-sistema ta' dwal mal-kosta u fil-*parking*.

12.04 Is-Sindku attenda laqgħa li saret mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onor. Dr. Chris Said dwar il-ħaddiema li ġew assenjati mal-Kunsilli. Dr. Said informa lis-Sindki u Segretarji Eżekuttivi preżenti li dawn il-ħaddiema kienu ser jiġu *pooled* u kull Kunsill jingħata numru ta' sigħat xogħol minn dawn il-ħaddiema.

**13.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li peress li l-Kunsill iddeċieda li jħawwel xi pjanti u fjuri fid-daħla tal-Munxar u fl-*area* l-ġdida tal-*Playing Field*, hemm il-bżonn li tinġieb xi ħamrija ġdida, jitpoġġa tiben tal-*mushrooms* u ssir sistema ta' *drip irrigation* għat-tisqija ta' l-istess fjuri. Qed jiġi ppjanat li dan ix-xogħol ikun lest sa qabel tasal il-Festa tal-Munxar, jiġifieri sad-29 ta' Mejju 2009.

13.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Marzu 2009. Il-Kunsill approva dawn il-*Financial Statements*.

**14.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

14.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**15.00 Materji oħra.**

15.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li għandu jsir qtugħ ta' ħaxix fi tliet sqaqien u d-dawra ta' Triq Żgħawri għal Triq ix-Xatba mill-Klabb tal-Futbol. Huma ser jitħallsu s-somma ta' €300 VAT inkluża.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2009, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***